# Il-Familja Nani

Mro. Hermann Farrugia Frantz

## Il-Bidu tal-familja Nani f'Malta

Waħda mill-aktar familji magħrufa għall-mużika fl-istorja soċjo-kulturali Maltija hi l-familja Nani. Kellu jkun Anġelo Nani, iben Girolamo Nani, in-nutar u vjolinista tajjeb minn Venezja, li waqt vjaġġ kunċertistiku ġie Malta fl-1766 flimkien mal-flawtista Jean–Dietrich Rapp. Il-ħila fuq il-vjolin ta' Anġelo Nani tant impressjonat lill-Granmastru Pinto li ħatru bħala mużiċista tiegħu. Wara li dam tmiem snin strumentalista tal-Granmastru nħatar prim vjolin u direttur ta' l-orkestra tat-Teatru Manoel, kien ukoll għal xi snin impresarju fl-istess Teatru. Fl-1768, ta' sbatax-il sena, iżżewweġ lil Ninfa Schembri u kellhom tnax-il wild. Tlieta minn uliedu, Emanuele, Agostino u Vincenzo kienu vjolinisti u kompożituri, iżda l-aħjar li ħa l-mużika bħala professjoni kien Emanuele.

## Il-mużika fil-familja Nani tkompli b'Emanuele

Emanuele twieled il-Belt Valletta fl-1769, u minn ċkunitu kellu l-ħajra għall-mużika, speċjalment għall-vjolin. Missieru l-vjolinista Anġelo Nani għallmu l-vjolin u malajr akkwista t-teknika ta' *virtuoso* u bdea jdoqq ma' missieru *sinfonia concertante* għal żewġ vjolini solisti fit-Teatru Manoel. Fi Frar 1787, ġie impjegat bħala vjolinista sekond fil-*cappell* tal-Katidral. F'Diċembru ta' l-istess sena, meta kellu tmintax-il sena żżewweġ lill-armla Teresa li minnha kellu żewġt itfal, tifel u tifla.

Fl-1788 irreżenja mill-Kappella tal-Katidral biex imur jaħdem fl-Italja. Hemmhekk daqq bħala vjolinista kunċertista kif ukoll idderieġa l-orkestra. Il-ġurnali ta' żmienu faħħru ħafna l-abbiltà mużikali tiegħu. Lura f'Malta ħadem bħala vjolinista prim għall-Prinċep Camille de Rohan. Izda meta fl-1789 bdiet ir-rivoluzzjoni Franċiża, Emanuele telaq l-Italja, u wara Sqallija. Il-kumplament ta' ħajtu għaddiehom f'Malta u Katanja, jidderieġi u jdoqq il-Vjolin f'diversi Teatri, Knejjes u Katidrali. F'Diċembru 1834, wara l-mewt ta' l-ewwel mara reġa' żżewweġ lil Caterina Xikluna.

Huwa kkompona ħafna mużika, iżda l-aktar li kkompona kienet mużika liturġika. Il-kompożitur u vjolinista Emanuele Nani miet il-Belt Valletta fi Frar 1860.

## Dottor Paolo Nani

Il-kapaċitajiet mużikali li kellu Emanuele ma għaddihomx lil xi wild minn tiegħu, iżda lil Paolo li jiġi t-tifel ta' ħuh Giuseppe, il-ħdax-il wild ta' missieru Angelo Nani. Paolo, twieled il-belt Valletta f'Novembru 1814 u beda jistudja l-mużika u l-pjanu. Iżda missieru xtaqu fil-liġi, fil-fatt Paolo ta' tmintax-il sena biss sar avukat. Wara ftit xhur telaq il-linja ta' avukat, u kompla fuq il-linja tal-mużika zijuh Emanuele.

F'Lulju 1833 mar Napli jistudja l-mużika fil-*Conservatorio San Pietro a Majella* fejn fost l-għalliema tiegħu kellu lil Gaetano Donizetti. Donizetti, wera interess kbir fih, fil-fatt qabel telaq mill-Konservatorju rregalalu l-pinna tal-filugranu tiegħu li għadha tinżamm b'għożża kbira mill-familja Nani sal-lum. F'Awwissu 1838 ġie lura Malta, mużiċista komplut b'kollox. Sakemm dam jistudja f'Napli żgur li żamm kuntatt ma' Malta fil-fatt f'Lulju 1834 iżżewweġ lil Madalena Cuschieri u kellhom żewġt itfal, Elvira u Anton.

## Il-Bidu tal-Cappella Nani

L-Ewwel kummissjoni importanti li fetħet it-triq għal Dottor Paolo Nani, kif ukoll għall-*Cappella* Nani kellha tkun fil-Knisja tal-Karmnu tal-Belt li fl-1839 fdatlu l-mużika tal-festa titulari f'idejh. Hemmhekk kiseb suċċess kbir, fil-fatt sena wara ġie fdat sabiex jagħmel ukoll il-mużika fil-knisja ta' San Pawl tal-Belt, minflok Vincenzo Bugeja.

## Dottor Paolo Nani fit-Teatru u Maestro di Cappella

Fl-1841 Dottor Paolo beda jaħdem it-Teatru Manoel. Matul is-snin ħadem bħala *Maestro Concertatore*, direttur ta' l-orkestra, reġista, editur ta' l-opri, kif ukoll kien idoqq il-kuntrabaxx. Ix-xogħol tat-teatru u dak ta' *Maestro di Capella* mxew flimkien, u ma jistax jonqos li ma influwenzawx lil xulxin. Fil-fatt Dottor Paolo mhux l-ewwel darba li ġie kkritikat fuq il-mużika liturġika tiegħu:

*Nhar il-Ħadd, 17 ta' Diċembru 1843 (festa ta' San Ivo fil-Knisja tal-Ġiżwiti l-Belt Valletta) smajna quddies (mużika ta' Paola Nani) miktuba bi stil kompletament teatrali. Din tista' tkun manjiera ġdida kif tingħata qima lil Alla iżda għal semmiegħa ta' twemmin ieħor instemgħet aktar tajba għall-mogħdija ta' żmien mili għall-knisja.*

(The Malta Mail, 22 ta' Diċembru, 1843, p. 2)

*Waħda mill-aktar profanazzjonijiet li qed iseħħu fil-knejjes tagħna hi l-mużika li dwarha ilna biex nitkellmu... Għadna ma nistgħux nifhmu kif l-Isqof li għandu dmir jgħasses fuq dak kollu li jsir fil-knejjes għadu ma ħasibx biex jirrimedja għal dan l-iskandlu...kemm fugi teatrali tqiegħdu ħażin għall-kliem qaddis tal-quddiesa – kabaletti*

*l-aktar ferrieħa f' 'Miserere nobis' u sa kwadrilji f' 'Tantum ergo'!*

L-*Osservatore Maltese*, 1 ta' Jannar, 1844, p. 319 – 324.

Minn hawn nistgħu ngħidu li bdew jinħolqu l-partiti ta' l-ammiraturi tal-mużika ta' Nani u dawk ammiraturi tal-mużika ta' Bugeja. Dawn il-partiti kibru u wasslu għal impika kbira. Bħal ma hawn fuq rajna li kien hemm minn kiteb sabiex imaqdar il-mużika ta' Dr. Paola Nani, oħrajn kitbu sabiex ifaħħruha:

*Fil-primi vespri (tal-festa ta' Korpus Kristi ta' Mejju 1856, miżmuna fil-knisja ta' San Pawl, ir-Rabat) kien hemm takkumpanja b'noti sagri u devoti l-mużika mill-isbaħ tas-surmast Dr. Paolo Nani...Lorenzo del Ricci kanta s-Salve Regina tant sabiħa, mużika ta' l-imfaħħar Mro. Nani...Mużika devota ħafna nstemgħet waqt il-quddies solenni magħmula mill-professuri kollha tat-Teatru Rjal.*

L'Ordine Giornale Politico–Religioso, 30 ta' Mejju, 1856, p. 4726

## L-antifona tal-festa

L-antifona *Sancte Paole* li Dr. Paolo Nani kiteb fl-1840, hija l-ewwel antifona li bdiet il-fenomenu tar-rabta sħiħa bejn il-festa u l-antifona tal-lokal. Din l-antifona saret l-akbtar mużika importanti, popolari u parti mill-identità tal-festa ta' San Pawl tal-Belt, li mingħajrha din il-festa ma tkunx aċċettabli. Din ir-rabta bejn l-antifona u l-festa li bdiet fil-belt, kompliet ukoll fi bliet u rħula oħrajn – insemmu bħala eżempji l-antifona *O Melitae digna proles* (1844) ta' Vincenzo Bugeja mal-festa ta' San Publiju fil-Furjana; *Beatus Georgius* ta' Paola Fiamingo mal-festa ta' San Ġorġ, Għawdex; Gabriel Angelus ta' Lorenzo Gonzi mal-Lunzjata f'Ħal Tarxien, *In Sepulchrum* ta' Carlo Diacono mal-festa ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ.

## Anton Nani

Kellu jkun it-tieni wild ta' Dr. Paolo, Anton, li twieled f'Ottubru, 1842, li jkompli t-triq tal-mużika tal-familja Nani. Beda jistudja l-mużika ma' missieru, imbagħad ma' Giuseppe Burlon u Giuseppe Spiteri Fremond, dawn kienu l-aqwa għalliema ta' żmienhom. Anton kellu l-opportunità tant tajba li jkompli jaħdem fil-*Cappella* magħrufa li missieru kien ħoloq. Fil-fatt l-ewwel kompożizzjonijiet tiegħu esegwihomlu missieru fl-aktar żewġ *Capelli* importanti tiegħu dawk tal-festi tal-Madonna tal-Karmnu, u ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt.

F'Ġunju 1867, missieru bagħtu jistudja l-mużika għand il-magħrufin Aniello Barbati u Nicola De Giosa, kompożitur ta' l-opri, f'Napli, fejn hu stess kien studja ħamsa u tletin sena qabel. F'Napli kien dam aktar minn tnax-il sena għalkemm minn żmien għal żmien kien jiġi Malta. Jidher li kien hemm xi żmien fejn Anton kellu l-ħsieb li jibqa' Napli, iżda l-insistenza qawwija li kellu mill-Familja u partitarji, imbagħad iż-żwieġ tiegħu ma' Carmela Mifsud, fl-età ta' wieħed u sittin sena fl-Lulju 1904, nessa għal kollox dan il-ħsieb.

Anton kiteb tliet opri: *Zorilla* (1870), *Agnese Visconti* (1876) u *I Cavallieri di Malta* (1877). Huwa naturalment kiteb ukoll bosta mużika liturġika u sagra, iżda bla dubju, li l-aqwa xogħol hu l-*Missa pro defunctis* li kiteb bejn l-1878 u l-1879. Din ir-*requiem* hija miktuba għal żewġ tenuri u żewġ baxxi solisti, kor ta' l-irġiel b'erba' vuċijiet u orkestra kbira.

## Il-Motu proprio

Il-*Motu Proprio* li ħareġ il-Papa Piju X fit-22 ta' Novembru 1903, ta tagħrif dettaljat dwar l-istil mużikali li għandu jkun ittollerat waqt il-funzjonijet liturġiċi. B'hekk l-aktar li kellu jħabbat wiċċu ma' dan il-*Motu proprio* kien Anton Nani, peress li Dottor Paolo miet kważi erba' xhur wara li ħareġ dan il-*Motu proprio* u r-responsabbiltà tal-*Cappella* Nani waqgħet f'idejn ibnu Anton. Il-*Motu proprio* ma niżel xejn tajjeb ma' l-ammiraturi tal-*Cappella* Nani u Bugeja, li ħafna darbi l-mużika tagħhom ma kinitx konformi ma' dak li ried il-Papa Piju X. Il-gazzetti nistgħu ngħidu li kienu protagonisti ewlenin f'din il-kwistjoni:

*Hawn diġà min beda jgemgem, għax din il-biċċa m'għoġbitux, għaliex fanatiċi għall-mużika għandna biżżejjed. Imma l-Papa ma qalx li mużika fil-knejjes ma jridx; irid biss li tkun xierqa għat-tempju ta' Alla u mhux bċejjeċ teatrali jaqilbuhom f'salmi, f'antifoni u f'tantum ergi.*

(Malta Tagħna, 16 ta' Jannar, 1904, p.1)

Anton, il-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet kitibhom f'Napli, meta ġie Malta għalkemm kien għadu żgħir, ftit ikkompona. Wara l-*Motu proprio* l-aktar li għamel kien arranġamenti ta' xogħlijiet tiegħu stess, sabiex ikun konformi mal-*Motu Proprio*.

## L-aħħar Nani li mexxa l-*Cappella Nani*

Paul, it-tieni u l-aħħar wild ta' Anton Nani twieled f'Diċembru 1906, huwa kompla fuq il-linja ta' missieru. Huwa beda jistudja l-mużika ma' missieru Anton u mbagħad kompla mas-surmast Carlo Fiamingo. Paul Nani studja wkoll il-mużika barra minn pajjiżna, iżda flok mar Napli bħal missieru u nannuh mar Ruma fejn studja ma' Vincenzo di Donato u Ermanno Wolf Ferrari. Huwa kiteb mużika liturġika u sagra kif ukoll profana u kompla jieħu ħsieb il-*Cappella* Nani li kien waqqaf nannuh Dottor Paolo Nani.

### Referenzi


R. Mifsud Bonnici (1951) 'Mużiċisti Kompożituri', Giovanni Muscat.

Jos. Vella Bondin (2000) 'Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin', Pin, The Malta Mail (1843).

*L'Osservatore Maltese* (1844)

*L'Ordine Giornale Politico-Religioso* (1856)

Malta Tagħna

*Archivium Cathedrale Melitense* (partituri mużikali)